MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 766/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Tracy Debono K.I. 24576(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tliet mija tmienja u disghin Ewro u sittin centezmu (€398.60) dovuta mill-konvenuta lis-socjeta` attrici, rapprezentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40151355* moghtija mis-socjeta' attrici lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu

preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is- somma ta' tliet mija tmienja u disghin Ewro u sittin centezmu (€398.60), bl-imghax legali dekorribbli mill-31 ta' Mejju 2012, li hija d-data tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------